MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
KATJA PSAILA SAVONA**

Seduta tat-28 ta' Ottubru, 2011

Talba Numru. 528/2011

**Michael Attard Limited (C 32362)**

**vs**

**Henry Farrugia (ID 681561M)
u Sylvana Farrugia (ID 450861M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fl-24 ta' Gunju 2011, fejn intalab li l-konvenuti jigu kkundannat jhallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' €1838.08 (elf tmin mija u tmienja u tletin ewro u tmien centezmi) ghar-ragunijiet msemmija fl-Avviz msemmi, bl-ispejjez u bl-imghaxijiet.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuti gie debitament notifikati bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mill-ligi, u lanqas ma dehru ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta’ attrici u l-fatt li l-konvenuti naqsu li jidhru sabiex jirrispondieh, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.
Ghaldaqstant peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) tal-KAP 380 tal-Ligijiet ta’ Malta, it-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill-konvenuti jhallsu lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ €1838.08 (elf tmin mija u tmienja u tletin ewro u tmien centezmi) bl-imghaxijiet kif mitluba fl-Avviz u bl-ispejjez kollha li ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------